Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/484

12.3.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/484

## tal-11 ta' Marzu 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 [1].

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li titħassar l-entrata għal persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.

(3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1894/oj).

*ANNESS*

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894, titħassar l-entrata li tikkonċerna lill-persuna li ġejja:

1. Mehmet Ferruh AKALIN.